**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 223/2019**

**No Deposit Cars Malta Limited (C-85780)**

**Vs**

**Seline Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta` **No Deposit Cars Malta Limited** ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha talbet illi l-konvenuta tkun ikkundannata "*thallas l-ammont ta' Disgħa t'Elef, Tlett Mija, Sebgħa u Disgħin Ewro u Ħamsa u Sittin Ċenteżmu tal-Ewro (€9,397.65) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Hyundai LQZ997 bix-Chassis numru NLH751ALFZ116297, liema vettura ġiet akkwistata minnek permezz ta' kuntratt 'hire and purchase' bejn il-partijiet datat ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) (hawn anness u mmarkat bħala "Dokument SC1").*"

Rat ir-risposta ta' **Seline Coleiro** ipprezentata fit-3 ta' Frar 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti :-

*"1. Illi fl-ewwel lok l-atturi qabdu u ttowjaw il-vettura u li issa giet fil-pussess taghhom u dan sar abbuzivament u kontra l-Ligi;*

*2. Illi fit-tieni lok il-fatt li regghu hadu lura l-vettura jispicca l-elementi kollha tal-hire purchase u jigi ghalhekk annullat il-kuntratt;*
*3. Illi ghalhekk mhu dovut xejn mill-esponenti;*
*4. Illi di piu' l-esponenti kienet hallset il-polza ta' assikurazzjoni u qatt ma taha l-polza b'hekk hu kiser il-kundizzjonijiet tal-hire and purchase agreement."*

Rat l-affidavits tas-socjeta` attrici;

Semghet lill-konvenuta;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta illi fil-5 ta' Gunju 2018 is-socjeta` attrici u l-konvenuta iffirmaw *hire and purchase agreement* fir-rigward tal-vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni LQZ-997.[1] Illi l-ftehim dwar il-pagament tal-istess vettura kien illi l-konvenuta thallas mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal total ta' tnax-il elf ewro (€12,000). Jirrizulta illi l-konvenuta hallset ukoll polza ta' assikurazzjoni, liema polza giet esebita bhala Dokument LM3 a fol. 49. Bhala garanzija tal-pagament, il-konvenuta ffirmat ukoll sittin (60) kambjala favur is-socjeta` attrici.

Illi skont is-socjeta` attrici l-konvenuta ghamlet tlettax (13)-il pagament, wara liema waqfet thallas minghajr ebda raguni. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, Luke Milton u Thorne Mangion, xehdu illi minhabba din il-morozita`, il-konvenuta tilfet il-beneficcju tal-hlas mensili u l-bilanc shih sar dovut f'daqqa, liema bilanc kien ta' disat elef, tliet mija u sebgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€9,397.65). In oltre, Luke Milton, *Manager* mas-socjeta` attrici, stqarr illi huwa nforma lill-konvenuta li jekk kienet se tibqa' ma thallas xejn ser tittiehed il-vettura ai termini ta' klawsola 7.2 tal-kuntratt, u dan sakemm terga' tibda thallas.

[1] Dok SC1 a fol. 2 *et sequitur*

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta stqarret li hija kienet dahlet fi ftehim ta' *hire and purchase* mas-socjeta` attrici li pero` wara sena thallas il-pagamenti kif miftiehem qatt ma giet mghoddija lilha l-polza ta' assikurazzjoni li hi kienet hallset ghaliha u li talbet li jkollha kopja taghha. Ghalhekk hija kienet tal-fehma li ma tistghax tibqa' ssuq il-vettura minghajr ma taf b'liema mod kienet koperta f'kaz ta' accident. Ghaldaqstant iddecidiet li twaqqaf il-pagamenti u wara xi xaharejn li waqfet thallas is-socjeta attrici haditilha l-vettura, billi ttowjatha, minghajr ma giet infurmatha. Spjegat li wara dan kollu hi kienet infurmat lis-socjeta` attrici li xtaqet tikkancella l-kuntratt, pero` r-rapprezentant li kienet qieghda titkellem mieghu, certu Christian Borg, ma riedx. Tispjega wkoll illi qabel ma nfethet din il-kawza, hija ma rceviet l-ebda ittri minghand is-socjeta` attrici.

In kontro-ezami l-attrici xehdet illi qabel ma ttihditilha l-vettura kienu cemplulha diversi drabi biex thallas u li avzawha wkoll li jekk ma thallasx se tittiehed il-vettura.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici ma xehdux illi l-vettura in kwisjtoni giet mehuda minghand il-konvenuta, mhux kontestat li dan fil-fatt sar, tant illi kemm Luke Milton u kemm Thorne Mangion jiddikjaraw illi l-vettura ghadha ma nbieghetx.

Ghal ahjar intendiment tal-ftehim, qed tigi riprodotta hawn taht il-parti rilevanti ta' klawsola 7 tal-kuntratt *de quo*, u *cioe`* dik li titratta dwar *« Default, Termination and Withdrawl » :*

*"1.Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law the parties agree that in case of:*
*1. Default in the punctual payment of any three (3) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*
*2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*
*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have incurred and all other*

*expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

*2. The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after the possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any changes, fees and interest accrued.*
*1. The Hirer irrevocably authorizes the Owner to retrieve the physical possession of the Motor Vehicle and to do all that is necessary to change the registration of the Motor Vehicle onto the name of the Owner if the Hirer does not comply with the request to return possession of the Motor Vehicle to the Owner within five (5) calendar days.*
*2. The parties agree that if the Hirer refuses or otherwise impedes the physical retrieval of the Motor Vehicle by the Owner as explained in the foregoing sub-clause, the Hirer shall be liable to pay the Owner a daily penalty of twenty-five Euro (€25) which shall run from the sixth (6th) calendar day following the day of demand in accordance with clause 7.2. These penalties shall be without prejudice to the Owner's rights in accordance with the foregoing sub-clauses."*

Illi ghalhekk minn qari ta' din il-klawsola jirrizulta illi l-partijiet ftehmu illi jekk il-konvenuta tkun moruza fi tliet (3) pagamenti, is-socjeta` attrici kellha dritt titlob il-hlas tal-bilanc shih b'mod immedjat. Qablu wkoll li jekk il-konvenuta, meta hekk mitluba li thallas il-bilanc f'daqqa, ma taghmilx hekk fi zmien tletin (30) gurnata, allura l-kuntratt jigi terminat *ipso iure* u s-socjeta` attrici tkun tista' titlob lill-konvenuta biex tirritorna l-pussess tal-vettura, u dan minghajr ebda pregudizzju ghal xi talba ghad-danni. Iktar minn hekk, gie stipulat illi s-socjeta` attrici jkollha

d-dritt titlob id-differenza bejn il-bilanc dovut u l-prezz li l-vettura tigi eventwalment mibjugha bih.

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici, wara li talbet lill-konvenuta sabiex tibqa' thallas il-pagamenti mensili, u wara li din baqghat inadempjenti, ghaddiet biex tenforza klawsola 7.2 tal-kuntratt. Pero` mbaghad, is-socjeta` attrici, ghaddiet ukoll biex tintavola din il-kawza ghall-bilanc dovut.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi r-raguni ewlenija li tat ir-rikorrenti ghala waqfet thallas il-pagamenti mensili hi li s-socjeta` rikorrenti ma taghthiex prova li l-vettura kienet inxurjata. Illi minn qari tal-kuntratt esebit a fol. 2 tal-process, fi klawsola 3 hemm stipulat illi **l-konvenuta kellha tiehu hsieb li tara li tinxurja l-vettura u li hi kienet obbligata li tghaddi kopja tal-istess lis-socjeta` attrici.**

Illi jirrizulta illi l-partijiet ma mxewx ma' dan il-ftehim stante li jirrizulta li kienet is-socjeta` attrici li hadet hsieb li tikseb polza ta' assikurazzjoni filwaqt li l-konvenuta hallset lilha ghal tali polza. Ghalxiex il-partijiet tbieghdu minn dan il-ftehim ma jirrizultax. Li jirrizulta huwa li l-konvenuta xehdet illi meta hija kienet talbet ghal kopja ta' tali polza ta' assikurazzjoni din ma nghatatilhiex mis-socjeta` attrici. Illi jirrizulta wkoll illi fil-mori ta' dawn il-proceduri gew esebiti mis-socjeta` attrici poloz ta' assikurazzjoni li jkopru l-perjodu meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenuta.

Illi minkejja dan, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dak li qalet il-konvenuta, u *cioe`*, li meta talbet ghal kopja tal-istess polza din ma nghatatilhiex mis-socjeta` attrici.

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti m'ghandhiex prova da parti tas-socjeta` attrici meta fattwalment thallset kull polza ta' assikurazzjoni esebita minnha, u dana ghaliex il-poloz esebiti gew mahruga mis-sistema tal-kumpanija assikurattrici fit-2 ta' Lulju 2020. Fuq l-ebda polza ma hemm indikat meta l-istess polza giet fil-fatt imhallsa.

Illi ghalhekk il-konvenuta kellha ragun tinkwieta li setghet ma kinitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni, u jekk kienet hekk koperta, ma kellhix taghrif kif kienet koperta.

Illi madankollu, ma jirrizultax illi b'dan l-agir is-socjeta` attrici kienet qieghda tikser xi klawsola tal-kuntratt ghaliex fl-ebda klawsola tal-istess m'hemm xi obbligu li s-socjeta` attrici kellha tiehu hsieb tkopri l-vettura b'xi polza ta' assikurazzjoni. Dan l-obbligu gie assunt mill-konvenuta, pero`, ghal xi raguni s-socjeta` attrici hadet l-inkarigu li tikseb polza ta' assikurazzjoni hi versu hlas minghand il-konvenuta. B'dana kollu, mhux diskuss illi l-konvenuta kellha dritt ikollha kopja tal-polza ta' assikurazzjoni.

Illi ghalhekk filwaqt li din il-Qorti ma tistghax tiggustifika n-nuqqas ta' hlas da parti tal-konvenuta bazat fuq il-fatt li ma nghatax kopja tal-polza ta' assikurazzjoni, min-naha l-ohra il-Qorti ma tqisx illi s-socjeta` attrici, la darba ghazlet li tenforza l-kuntratt abbazi ta' klawsola 7.2, u *cioe`* t-tehid forzat tal-vettura, tista' ukoll titlob il-bilanc abbazi ta' klawsola 7.1. Illi fil-fehma tal-Qorti is-socjeta` attrici ma tistghax tesegwixxi l-kuntratt darbtejn ghall-istess pretensjoni.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta` attrici kellha quddiemha zewg (2) ghazliet, jew li timxi abbazi ta' klawsola 7.1, u cioe` li titlob il-bilanc kollu f'daqqa, jew inkella abbazi ta' klawsola 7.2, u titlob il-vettura lura.

Is-socjeta` attrici deherilha li kellha tenforza klawsola 7.2 u ghalhekk hadet il-vettura fil-pussess taghha. Illi din il-Qorti mhux se tidhol fil-legalita` *o meno* tal-klawsoli ta' tali kuntratt stante li l-mertu huwa iehor, pero` tqis illi ladarba s-socjeta` attrici ghazlet triq ma tistghax ukoll titlob il-bilanc minghand il-konvenuta.

Illi dwar din il-materja diga kien hemm pronunzjamenti f'kawzi quddiem dawn il-Qrati,[2] fosthom kawza li l-istess socjeta` attrici pprezentat kontra certu Milos Vorkapic, li f'dawk il-proceduri baqa' kontumaci, u liema kawza giet deciza minn din il-Qorti diversament presejduta fid-9 ta' Jannar 2020. F'din is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

---

[2] Ara **Frank Borda Ltd vs Raymond Bezzina et (PA 12 ta' Lulju 2018)**

*"Il-Qorti fil-kaz odjern fehmet illi s-socjeta` attrici pprocediet b'din il-kawza* ***ghall-hlas tal-bilanc shih*** *tal-prezz tal-vettura minhabba l-morozita` tal-konvenut fil-hlas tar-ripagamenti mensili ai termini tal-klawsola 7 tal-ftehim,* ***proprju ghaliex ma pprocedietx u m'hijiex sejra tipprocedi biex titlob u tikseb ir-restituzzjoni tal-pussess tal-vettura minghand il-konvenut. Evidentement b'din il-kawza s-socjeta` attrici mhux qieghda titlob biss id-differenza bejn il-bilanc dovut mill-konvenut u l-prezz tal-vettura wara li terga' tigi mibjugha, li huwa l-jedd li gie rizervat lilha f'kaz tar-restituzzjoni tal-pussess ai termini tal-klawsola 7.2.***

*Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti tqis illi* ***jekk tintlaqa' t-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tal-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura, kif del resto minnha mitlub f'dawn il-proceduri, hija ma tistax imbaghad tipprocedi sussegwentement biex titlob ir-restituzzjoni tal-vettura minghand il-konvenut ghal-fini ta' bejgh lil terzi*** *jekk mhux permezz tal-hrug ta' Mandati ezekuttivi ghall-fini tal-bejgh bis-subbasta tal-vettura u bl-ezercizzju tal-privilegg specjali spettanti lill-istess socjeta` attrici a tenur tal-Artikolu 2009(d) tal-Kodici Civili fuq ir-rikavat ta' dak il-bejgh ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz, ghaliex altrimenti tkun qieghda evidentement tarrekkixxi ruuha indebitament a skapitu tal-konvenut u l-Qorti trid tara li dan ma jsirx.*

***Dan premess u stabbilit,*** *il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kaptiolu ghas-subizzjoni, ipprovoka il-konfessjoni tieghu ghat-talba ghall-hlas tal-bilanc shih tal-prezz u, b'applikazzjoni talArtikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis ukoll li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenut fil-kwadru tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula.*

*Ghaldaqstant, billi l-Qorti qieghda tqis li s-socjeta` attrici ma pprocedietx u ma hijiex sejra tipprocedi biex titlob ir-restituzzjoni immedjata tal-pussess tal-vettura, skont kif del resto kellha l-jedd li taghmel bis-sahha tal-klawsola bin-numru 7.2 tal-ftehim, ghaliex ghazlet, minflok, li titlob il-hlas tal-bilanc kolllu tal-prezz tal-vettura skont ilftehim, qieghda, ghal din ir-raguni biss, tilqa' t-talba tal-istess socjeta` attrici kif dedotta."*

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament. Illi ghalhekk mhux se tkun qed tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont mitlub stante li s-socjeta` attrici hadet pussess tal-vettura *de quo*. Dan ovvjament minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollha s-socjeta` attrici wara l-eventwali bejgh mill-gdid tal-vettura *de* quo.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba tas-socjeta` attrici, tichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta hlief ghat-tielet eccezzjoni li qieghda tintlaqa' in parte in kwantu kwalunkwe bilanc li jista' jkun dovut, jista' biss jigi hekk accertat u jkun dovut wara li jsir il-bejgh mill-gdid tal-vettura *de quo*.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta` attrici.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**